REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) 2015/1040

tat-30 ta' Ġunju 2015

li jemenda I-Annessi II, III u V tar-Regolament (KE) Nru 396/2005 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-livelli massimi ta' residwu għall-ażossistrobina, id-dimossistrobina, il-flurossipir, il-metossifenożid, il-metrafenon, l-oksadiarġil u t-tribenuron f'ċerti prodotti jew fuqhom

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 396/2005 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Frar 2005 dwar il-livelli massimi ta' residwu ta' pestiċidi fi jew fuq ikel u għalf li joriġina minn pjanti u annimali u jemenda d-Direttiva tal-Kunsill 91/414/KEE ([1]), u partikolarment l-Artikolu 14(1)(a), l-Artikolu 18(1)(b) u l-Artikolu 49(2) tiegħu,

Billi:

(1) Għad-dimossistrobina u l-metrafenon, il-livelli massimi ta' residwi (MRLs) ġew stabbiliti fil-Parti A tal-Anness III tar-Regolament (KE) Nru 396/2005. Għall-ażossistrobina, il-flurossipir, il-metossifenożid, l-oksadiarġil u t-tribenuron il-livelli massimi ta' residwu (MRLs) ġew stabbiliti fl-Anness II u fil-Parti B tal-Anness III tar-Regolament (KE) Nru 396/2005.

(2) Għall-ażossistrobina, l-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel, minn hawn 'il quddiem "l-Awtorità", bagħtet opinjoni motivata dwar l-MRLs eżistenti skont l-Artikolu 12(2) tar-Regolament (KE) Nru 396/2005 flimkien mal-Artikolu 12(1) tiegħu ([2]). Hija rrakkomandat li tbaxxi l-MRL fil-lewż, il-ġewż tal-Brażil, il-ġewż tal-anakardju, il-qastan, il-ġewż tal-Indi, il-ġellewż, il-makadamja, il-ġewż Amerikan, il-ġewż tal-arżnu, il-ġewż, l-ispraġ, il-ħbub tal-qamħirrun, iż-żerriegħa tal-kafè, l-infużjonijiet erbali (imnixxfa, għeruq), il-pitravi taz-zokkor (għeruq) u l-għeruq taċ-ċikwejra. Għal prodotti oħrajn hija rrakomandat li l-MRLs jibqgħu l-istess jew inkella li jogħlew. L-Awtorità kkonkludiet li dwar l-MRLs għall-ħass tal-ħaruf, l-indivja tal-weraq wesgħin, il-krexxun, l-aruka, ir-rukola, il-mustarda ħamra, il-weraq u n-nebbieta tal-brassika, il-ħnieżer (muskolu, xaħam, fwied, kliewi), il-bovini (muskoli, xaħam, fwied, kliewi), in-nagħaġ (muskoli, xaħam, fwied, kliewi), il-mogħoż (muskoli, xaħam, fwied, kliewi), it-tjur (muskoli, xaħam, fwied), il-ħalib (bhejjem tal-ifrat, nagħaġ, mogħoż), xi informazzjoni ma kinitx disponibbli u li kienet meħtieġa aktar kunsiderazzjoni mill-maniġers tar-riskju. Billi ma hemmx riskju għall-konsumaturi, l-MRLs għal dawn il-prodotti għandhom jiġu stabbiliti fl-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 396/2005 fil-livell eżistenti jew fil-livell identifikat mill-Awtorità. Se ssir reviżjoni ta' dawn l-MRLs; ir-reviżjoni se tqis l-informazzjoni disponibbli fi żmien sentejn mill-pubblikazzjoni ta' dan ir-Regolament.

(3) Fir-rigward tal-ażozzistrobina fix-xgħir, iż-żrieragħ tal-kafè, il-ħafur, il-patata u s-sorgu, il-Kummissjoni tal-Codex Alimentarius (CAC) ([3]) adottat MRLs tal-Codex (CXLs). Billi dawn is-CXLs huma appoġġati minn valutazzjoni aġġornata tal-Awtorità, huwa xieraq li jittieħed kont tagħhom, bl-eċċezzjoni ta' dawk is-CXLs li mhumiex sikuri għall-konsumaturi fl-Unjoni u dwar liema l-Unjoni ppreżentat riżerva lis-CAC ([4]).

(4) Għad-dimossistrobina, l-Awtorità ressqet opinjoni motivata dwar l-MRLs eżistenti skont l-Artikolu 12(2) tar-Regolament (KE) Nru 396/2005 flimkien mal-Artikolu 12(1) tiegħu ([5]). Hija pproponiet li tinbidel id-definizzjoni tar-residwu u rrakkomandat li jitbaxxa l-LMR għall-ħbub tal-qamħ. Għal prodotti oħrajn hija rrakkomandat li jiżdied il-livell tal-MRL jew jitħalla dak eżistenti. L-Awtorità kkonkludiet li fir-rigward tal-MRLs għall-bovini (muskoli, xaħam, fwied, kliewi), in-nagħaġ (muskoli, xaħam, fwied, kliewi), il-mogħoż (muskoli, xaħam, fwied, kliewi) u l-ħalib (bhejjem tal-ifrat, nagħaġ, mogħoż) xi informazzjoni ma kinitx disponibbli u li kienet meħtieġa

([1]) ĠU L 70, 16.3.2005, p. 1.
([2]) L-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel; Rieżami tal-limiti massimi tar-residwu (MRLs) eżistenti għall-ażossistrobina skont l-Artikolu 12 tar-Regolament (KE) Nru 396/2005. *EFSA Journal* 2013;11(12):3497. [97 pp.]
([3]) Ir-rapporti tal-Kumitat Codex dwar ir-Residwi fil-Pestiċidi huma disponibbli fuq: http://www.codexalimentarius.org/download/report/917/REP14_PRe.pdf Il-programm konġunt dwar l-istandards tal-ikel tal-FAO/WHO, il-Kummissjoni tal-Codex Alimentarius. Appendiċi II u III. Is-sebgħa u tletin sessjoni. Ġinevra, l-Iżvizzera, 14-18 ta' Lulju 2014.
([4]) Appoġġ xjentifiku għat-tħejjija ta' pożizzjoni tal-UE għas-46 Sessjoni tal-Kumitat Codex dwar ir-Residwi tal-Pestiċidi (CCPR). *EFSA Journal* 2014;12(7):3737 [182 pp.]. doi:10.2903/j.efsa.2014.3737.
([5]) L-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel; Rieżami tal-limiti massimi tar-residwu (MRLs) eżistenti għad-dimossistrobina skont l-Artikolu 12 tar-Regolament (KE) Nru 396/2005. *EFSA Journal* 2013;11(11):3464. [41 pp.]

aktar kunsiderazzjoni mill-maniġers tar-riskju. Billi ma hemmx riskju għall-konsumaturi, l-MRLs għal dawn il-prodotti għandhom jiġu stabbiliti fl-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 396/2005 fil-livell eżistenti jew fil-livell identifikat mill-Awtorità. Se ssir reviżjoni ta' dawn l-MRLs; ir-reviżjoni se tqis l-informazzjoni disponibbli fi żmien sentejn mill-pubblikazzjoni ta' dan ir-Regolament.

(5) Għall-flurossipir, l-Awtorità ressqet opinjoni motivata dwar l-MRLs eżistenti skont l-Artikolu 12(2) tar-Regolament (KE) Nru 396/2005 flimkien mal-Artikolu 12(1) tiegħu ([1]). L-Awtorità pproponiet li d-definizzjoni tar-residwu tinbidel. L-Awtorità kkonkludiet li dwar l-MRLs għat-tuffieħ, it-tewm, il-basal, il-basal xalotti, is-saqħtar, il-kurrat, il-ħbub tax-xgħir, il-ħbub tal-qamħirrum, il-ħbub tal-ħafur, il-ħbub tas-segala, il-ħbub tas-sorgu, il-ħbub tal-qamħ, l-infużjonijiet erbali (fjuri), il-kannamieli, il-ħnieżer (muskoli, xaħam, fwied, kliewi), bhejjem tal-ifrat (muskoli, xaħam, fwied, kliewi), in-nagħaġ (muskoli, xaħam, fwied, kliewi), il-mogħoż (muskoli, xaħam, fwied, kliewi), u l-ħalib (baqar, nagħaġ, mogħoż), xi informazzjoni ma kinitx disponibbli u li kienet meħtieġa aktar kunsiderazzjoni mill-maniġers tar-riskju. Billi ma hemmx riskju għall-konsumaturi, l-MRLs għal dawn il-prodotti għandhom jiġu stabbiliti fl-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 396/2005 fil-livell eżistenti jew fil-livell identifikat mill-Awtorità. Se ssir reviżjoni ta' dawn l-MRLs; ir-reviżjoni se tqis l-informazzjoni disponibbli fi żmien sentejn mill-pubblikazzjoni ta' dan ir-Regolament. L-Awtorità kkonkludiet li dwar l-MRLs għal frott taċ-ċitru, iż-żebbuġ tal-mejda u ż-żebbuġ għall-produzzjoni taż-żejt, xi informazzjoni ma kinitx disponibbli u dwar l-MRLs għal-lanġas, l-isfarġel, in-naspli, in-naspli tal-Ġappun u l-basal tar-Rebbiegħa l-informazzjoni disponibbli ma kinitx biżżejjed biex jinħareġ MRL tentattiv u kienet meħtieġa aktar kunsiderazzjoni mill-maniġers tar-riskju. L-MRLs għal dawk il-prodotti għandhom jiġu ffissati fil-limitu speċifiku ta' kwantifikazzjoni.

(6) Għall-metossifenożid, l-Awtorità ressqet opinjoni motivata dwar l-MRLs eżistenti skont l-Artikolu 12(2) tar-Regolament (KE) Nru 396/2005 flimkien mal-Artikolu 12(1) tiegħu ([2]). Hija rrakkomandat li l-MRLs għall-fażola (niexfa) u l-karawett jitnaqqsu. Għal prodotti oħrajn hija rrakomandat li l-MRLs jibqgħu l-istess jew inkella li jogħlew. L-Awtorità kkonkludiet li dwar l-MRLs għall-brunġiel, il-ħnieżer (muskoli, xaħam, fwied u kliewi), il-bovini (muskoli, xaħam, fwied u kliewi), in-nagħaġ (muskoli, xaħam, fwied u kliewi), il-mogħoż (muskoli, xaħam, fwied u kliewi), it-tjur (muskoli, xaħam u fwied), il-ħalib (bhejjem tal-ifrat, nagħaġ u mogħoż) u l-bajd tat-tjur, xi informazzjoni ma kinitx disponibbli u li kienet meħtieġa aktar kunsiderazzjoni mill-maniġers tar-riskju. Billi ma hemmx riskju għall-konsumaturi, l-MRLs għal dawn il-prodotti għandhom jiġu stabbiliti fl-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 396/2005 fil-livell eżistenti jew fil-livell identifikat mill-Awtorità. Se ssir reviżjoni ta' dawn l-MRLs; ir-reviżjoni se tqis l-informazzjoni disponibbli fi żmien sentejn mill-pubblikazzjoni ta' dan ir-Regolament. L-Awtorità kkonkludiet li fir-rigward tal-MRLs għal-larinġ, il-mandolin u l-qamħirrum, l-ebda informazzjoni ma kienet disponibbli u li kienet meħtieġa aktar attenzjoni mill-maniġers tar-riskju. L-MRL għall-ħbub tal-qamħirrun għandu jiġi ffissat fil-limitu speċifiku ta' kwantifikazzjoni. Fir-rigward tal-larinġ u l-mandolin, is-CXLs ġew adottati wara li l-Awtorità ressqet l-opinjoni tagħha ([3]). L-MRLs stabbiliti għal dawk il-prodotti fir-Regolament (KE) Nru 396/2005, kif inhhuma bħalissa, jirriflettu dawk is-CXLs. Għaldaqstant, l-MRLs għal-larinġ u l-mandolin ma għandhomx ikunumodifikati.

(7) Għall-metrafenon, l-Awtorità ressqet opinjoni motivata dwar l-MRLs eżistenti skont l-Artikolu 12(2) tar-Regolament (KE) Nru 396/2005 flimkien mal-Artikolu 12(1) tiegħu ([4]). L-Awtorità pproponiet li tibdel id-definizzjoni tar-residwu u rrakkomandat li jitbaxxew l-MRLs għall-ħbub tal-qamħ u l-ħbub tas-segala. Għal prodotti oħrajn hija rrakomandat li l-MRLs jibqgħu l-istess jew inkella li jogħlew. L-Awtorità kkonkludiet li fir-rigward tal-MRLs għall-brunġiel, xi informazzjoni ma kinitx disponibbli u li kienet meħtieġa aktar kunsiderazzjoni mill-maniġers tar-riskju. Fir-rigward tal-brunġiel, l-Awtorità ressqet opinjoni preċedenti dwar dan l-MRL ([5]). Issa huwa meqjus xieraq li jitqies l-approċċ ta' proporzjonalità użat f'dik l-opinjoni. L-Awtorità kkonkludiet li fir-rigward tal-MRLs għall-bovini (muskoli, xaħam, fwied u kliewi), in-nagħaġ (muskoli, xaħam, fwied u kliewi), il-mogħoż (muskoli, xaħam, fwied u kliewi), u l-ħalib (bhejjem tal-ifrat, nagħaġ, mogħoż) l-ebda informazzjoni ma kienet disponibbli u li kienet meħtieġa aktar kunsiderazzjoni mill-maniġers tar-riskju. L-MRLs għal dawk il-prodotti għandhom jiġu ffissati fil-limitu speċifiku ta' kwantifikazzjoni.

([1]) L-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel; Rieżami tal-limiti massimi tar-residwu (MRLs) eżistenti għall-flurossipir skont l-Artikolu 12 tar-Regolament (KE) Nru 396/2005. *EFSA Journal* 2013;11(12):3495. [49 pp.]

([2]) L-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel; Rieżami tal-limiti massimi tar-residwu (MRLs) eżistenti għall-metossifenożid skont l-Artikolu 12 tar-Regolament (KE) Nru 396/2005. *EFSA Journal* 2014;12(1):3509. [68 pp.]

([3]) Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 491/2014 tal-5 ta' Mejju 2014 li jemenda l-Annessi II u III tar-Regolament (KE) Nru 396/2005 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-livelli massimi ta' residwu għall-ametoktradina, l-ażossistrobina, iċ-ċiklossidim, iċ-ċiflutrina, id-dinotefuran, il-fenbukonażol, il-fenvalerat, il-fludioksonil, il-fluopiram, il-flutriafol, il-fluksapiroksad, il-glufosinat-ammonju, l-imidakloprid, l-indoksakarb, l-MCPA, il-metossifenożid, il-pentijopirad, l-ispinetoram u t-triflossistrobina f'ċertu prodotti jew fuqhom (ĠU L 146, 16.5.2014, p. 1).

([4]) L-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel; Rieżami tal-limiti massimi tar-residwu (MRLs) eżistenti għall-metrafenon skont l-Artikolu 12 tar-Regolament (KE) Nru 396/2005. *EFSA Journal* 2013;11(12):3498. [43 pp.]

([5]) L-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel; Modifika tal-MRLs eżistenti għall-metrafenon f'għelejjel varji. *EFSA Journal* 2013;11(1):3075. [30 pp.]

(8) Skont ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 823/2012 [1] l-approvazzjoni tal-oksadiarġil skada fil-31 ta' Marzu 2014. L-awtorizzazzjonijiet eżistenti kollha għall-prodotti tal-protezzjoni tal-pjanti li fihom is-sustanza attiva oksadiarġil ġew irrevokati u l-perjodu ta' grazzja jintemm sa mhux aktar tard mit-30 ta' Settembru 2015. Għaldaqstant, skont l-Artikolu 17 tar-Regolament (KE) Nru 396/2005, flimkien mal-Artikolu 14(1) tiegħu, l-MRLs stabbiliti għal dik is-sustanza attiva fl-Annessi II u III għandhom jitħassru. Dan ma għandux japplika għal dawk l-MRLs li jikkorrispondu għas-CXLs skont l-użu f'pajjiżi terzi, sakemm dawn ikunu aċċettabbli fir-rigward tas-sikurezza tal-konsumatur. Dan lanqas ma għandu japplika f'każijiet fejn l-MRLs ikunu ġew stabbiliti speċifikament bħala tolleranzi tal-importazzjoni.

(9) Għat-tribenuron, l-Awtorità ressqet opinjoni motivata dwar l-MRLs eżistenti skont l-Artikolu 12(2) tar-Regolament (KE) Nru 396/2005 flimkien mal-Artikolu 12(1) tiegħu [2]. Hija rrakkomandat li jinżammu l-MRLs eżistenti għal ċerti prodotti.

(10) Fir-rigward ta' prodotti li fuqhom l-użu tal-prodott għall-protezzjoni tal-pjanti mhux awtorizzat, u li għalihom ma jeżistu l-ebda tolleranzi tal-importazzjoni jew tas-CXLs, l-MRLs għandhom jiġu ffissati fil-limitu speċifiku ta' kwatifikazzjoni jew għandu japplika l-MRL diġà stabbilit, kif stipulat fl-Artikolu 18(1)(b) tar-Regolament (KE) Nru 396/2005.

(11) Il-Kummissjoni kkonsultat mal-laboratorji ta' referenza tal-Unjoni Ewropea dwar ir-residwi tal-pestiċidi, fir-rigward tal-ħtieġa li jiġu adattati ċerti limiti ta' kwantifikazzjoni. Dwar għadd ta' sustanzi, dawk il-laboratorji kkonkludew li għal ċerti prodotti, l-iżvilupp tekniku jippermetti li jiġu stabbiliti limiti speċifiċi ta' kwantifikazzjoni.

(12) Abbażi tal-opinjonijiet motivati tal-Awtorità u waqt li jitqiesu l-fatturi rilevanti tas-suġġett ikkunsidrat, l-emendi xierqa għall-MRLs jissodisfaw ir-rekwiżiti tal-Artikolu 14(2) tar-Regolament (KE) Nru 396/2005.

(13) Permezz tal-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ, l-imsieħba kummerċjali tal-Unjoni ġew ikkonsultati fir-rigward tal-MRLs il-ġodda u l-kummenti tagħhom ġew meqjusa.

(14) Għalhekk ir-Regolament (KE) Nru 396/2005 għandu jiġi emendat skont dan.

(15) Biex jippermetti l-kummerċjalizzazzjoni, l-ipproċessar u l-konsum normali tal-prodotti, dan ir-Regolament għandu jipprovdi arranġament tranżizzjonali għall-prodotti li ġew prodotti qabel il-modifika tal-MRLs u li għalihom l-informazzjoni turi li kien hemm livell għoli ta' protezzjoni tal-konsumaturi.

(16) Għandu jitħalla jgħaddi perjodu raġonevoli ta' żmien qabel ma l-MRLs modifikati jsiru applikabbli, sabiex l-Istati Membri, il-pajjiżi terzi u l-operaturi tan-negozji tal-ikel jingħataw żmien biex jitħejjew biex ikunu konformi mar-rekwiżiti l-ġodda li jirriżultaw mill-modifika tal-MRLs.

(17) Il-miżuri stipulati f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Pjanti, l-Annimali, l-Ikel u l-Għalf,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-Annessi II, III u V tar-Regolament (KE) Nru 396/2005 huma emendati skont l-Anness ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Ir-Regolament (KE) Nru 396/2005 kif kien qabel ma ġie emendat permezz ta' dan ir-Regolament għandu jibqa' japplika għall-prodotti li kienu prodotti sal-20 ta' Jannar 2016.

---

[1] Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 823/2012 tal-14 ta' Settembru 2012 li jagħti deroga mir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 540/2011 fir-rigward tad-dati tal-iskadenza tal-approvazzjoni tas-sustanzi attivi 2,4-DB, l-aċidu benżojku, il-beta-ċiflutrin, l-etil tal-karfentrażon, ir-razza Coniothyrium minitans CON/M/91-08 (DSM 9660), iċ-ċjażofammid, iċ-ċiflutrin, id-deltametrina, id-dimetenammid-P, l-etofumesat, l-etossisulfuron, il-fenamidon, il-flażasulfuron, il- flufenaket, il-flurtamon, il-foramsulfuron, il-fostijażat, l-imażamoks, l-iodosulfuron, l-iprodion, l-isossaflutol, il-linuron, l-idražidu malejku, il-mekoprop, il-mekoprop-P, il-meżosulfuron, il-meżotrion, l-ossadiarġil, l-ossasulfron, il-pendimetalina, il-pikossistrobin, il-piraklostrobin, il-propikonażol, il-propineb, il-propossikarbażon, il-propiżammid, is-siltofamu, it-triflossistrobin, il-warfarin u ż-żossammid (ĠU L 250, 15.9.2012, p. 13).

[2] L-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel; Rieżami tal-limiti massimi tar-residwu (MRLs) eżistenti għat-tribenuron skont l-Artikolu 12 tar-Regolament (KE) Nru 396/2005. *EFSA Journal* 2013;11(11):3457. [32 pp.]

Artikolu 3

Dan ir-Regolament jidhol fis-sehh fl-ghoxrin jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Jibda japplika mill-21 ta' Jannar 2016. Madankollu, il-punt (1)(c) u l-punt (3) tal-Anness jibdew japplikaw mill-1 ta' Ottubru 2015.

Dan ir-Regolament jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-30 ta' Ġunju 2015.

Għall-Kummissjoni

Il-President

Jean-Claude JUNCKER

ANNESS

L-Annessi II, III, u V tar-Regolament (KE) Nru 396/2005 huma emendati kif ġej:

(1) L-Anness II huwa emendat kif ġej:

(a) Jiżdiedu l-kolonni li ġejjin għad-dimossistrobina u l-metrafenon:

"Ir-residwi tal-pestiċidi u l-livelli massimi tar-residwi (mg/kg)

Numru tal-kodiċi	Gruppi u eżempji ta' prodotti individwali li għalihom japplikaw l-MRLs [a]	Dimossistrobina (R) (A)	Metrafenon (F)
(1)	(2)	(3)	(4)
0100000	**FROTT, FRISK JEW IFFRIŻAT; ĠEWŻ TAS-SIĠAR**	0,01 (*)	
0110000	**Frott taċ-ċitru**		**0,01** (*)
0110010	Grejpfrut		
0110020	Lariġ		
0110030	Lumi		
0110040	Xkomp		
0110050	Mandolin		
0110990	Oħrajn		
0120000	**Ġewż tas-siġar**		**0,01** (*)
0120010	Lewż		
0120020	Ġewż tal-Brażil		
0120030	Ġewż tal-anakardju		
0120040	Qastan		
0120050	Ġewż tal-Indi		
0120060	Ġellewż/ġellewż Ewropew		
0120070	Macadamia		
0120080	Ġewż Amerikan		
0120090	Qlub tal-ġewż tal-arżnu		
0120100	Pistaċċi		
0120110	Ġewż		
0120990	Oħrajn		
0130000	**Pomu**		**0,01** (*)
0130010	Tuffieħ		
0130020	Lanġas		
0130030	Sfarġel		

(1)	(2)	(3)	(4)
0130040	Naspli		
0130050	Naspli tal-Ġappun		
0130990	Oħrajn		
0140000	**Frott tal-għadma**		**0,01** (*)
0140010	Berquq		
0140020	Ċiras (ħelu)		
0140030	Ħawħ		
0140040	Għanbaqar		
0140990	Oħrajn		
0150000	**Kukku u frott żgħir ieħor**		
0151000	(a) **għeneb**		7
0151010	Għeneb tal-mejda		
0151020	Għeneb għall-inbid		
0152000	(b) **frawli**		0,6
0153000	(c) **frott tal-kannamiela**		**0,01** (*)
0153010	Tut		
0153020	Ċawsli iswed [Dewberries]		
0153030	Lampun (aħmar u isfar)		
0153990	Oħrajn		
0154000	(d) **frott żgħir u kukku ieħor**		**0,01** (*)
0154010	Mirtill		
0154020	Cranberries		
0154030	Passolina (ħamra, sewda u bajda)		
0154040	Ribes (ħodor, ħomor u sofor)		
0154050	Warda skoċċiża		
0154060	Ċawsli (suwed u bojod)		
0154070	Għanżalor/naspli tal-Mediterran		
0154080	Frott tas-sebuqa		
0154990	Oħrajn		
0160000	**Frott — diversi bi**		**0,01** (*)
0161000	(a) **qoxra li tittiekel**		
0161010	Tamal		
0161020	Tin		
0161030	Żebbuġ tal-mejda		
0161040	Lariġ tal-qsari		

(1)	(2)	(3)	(4)
0161050	Karambola		
0161060	Kaki		
0161070	Jambolan		
0161990	Oħrajn		
0162000	(b) **qoxra li ma tittikilx, żgħar**		
0162010	Frott tal-Kiwi (aħdar, aħmar u isfar)		
0162020	Liċċi		
0162030	Frotta tal-passjoni		
0162040	Bajtar tax-xewk/frotta tal-kaktus		
0162050	Tuffieħ stilla		
0162060	Kaki Amerikan/Kaki tal-Virġinja		
0162990	Oħrajn		
0163000	(c) **qoxra li ma tittikilx, kbar**		
0163010	Avokado		
0163020	Banana		
0163030	Mango		
0163040	Papaja		
0163050	Rummien		
0163060	Ċerimoja		
0163070	Gwava		
0163080	Ananas		
0163090	Frotta tas-siġra tal-ħobż		
0163100	Durian		
0163110	Il-frotta tal-annona		
0163990	Oħrajn		
0200000	**ĦAXIX, FRISK JEW IFFRIŻAT**		
0210000	**Ħxejjex mill-għeruq u t-tuberi**	0,01 (*)	**0,01** (*)
0211000	(a) **patata**		
0212000	(b) **ħxejjex tropikali mill-għeruq u t-tuberi**		
0212010	Għeruq tal-kassava		
0212020	Patata ħelwa		
0212030	Jammijiet		
0212040	Ararut		
0212990	Oħrajn		

(1)	(2)	(3)	(4)
0213000	(c) **ħxejjex oħra tal-għeruq u tat-tuberi minbarra l-pitravi taz-zokkor**		
0213010	Pitravi		
0213020	Karotti		
0213030	Krafes bl-għeruq/krafes Ġermaniżi		
0213040	Għerq tal-mustarda		
0213050	Artiċokks		
0213060	Zunnarija bajda		
0213070	Tursin tuberuż		
0213080	Ravanell		
0213090	Sassefrika		
0213100	Swedes		
0213110	Kromb		
0213990	Oħrajn		
0220000	**Ħxejjex tal-basla**	0,01 (*)	**0,01** (*)
0220010	Tewm		
0220020	Basal		
0220030	Xalotti		
0220040	Basal tar-Rebbiegħa/basal aħdar u basal ta' Wales		
0220990	Oħrajn		
0230000	**Ħxejjex tal-frott**	0,01 (*)	
0231000	(a) **solanacea**		
0231010	Tadam		0,4
0231020	Bżar		2
0231030	Brunġiel		**0,3**
0231040	Okra		**0,01** (*)
0231990	Oħrajn		**0,01** (*)
0232000	(b) **kukurbiti tal-qoxra kommestibbli**		0,15
0232010	Ħjar		
0232020	Gherkins (ħjar żgħir)		
0232030	Qargħabagħli		
0232990	Oħrajn		
0233000	(c) **kukurbiti tal-qoxra li ma tittikilx**		0,1
0233010	Bettieħ		
0233020	Qargħa aħmar		
0233030	Dulliegħ		
0233990	Oħrajn		

(1)	(2)	(3)	(4)
0234000	(d) **qamħirrum**		**0,01** (*)
0239000	(e) **ħxejjex tal-frott oħrajn**		**0,01** (*)
0240000	**Ħxejjex tal-ġenus brassika (minbarra l-għeruq tal-brassika u l-ħxejjex tal-brassika tal-weraq żgħir)**	0,01 (*)	**0,01** (*)
0241000	(a) **Brassika li twarrad**		
0241010	Brokkli		
0241020	Pastard		
0241990	Oħrajn		
0242000	(b) **brassika bir-ras**		
0242010	Brussels sprouts		
0242020	Kaboċċa bir-ras		
0242990	Oħrajn		
0243000	(c) **brassika bil-weraq**		
0243010	Kaboċċi Ċiniżi		
0243020	Kale		
0243990	Oħrajn		
0244000	(d) **ġdur**		
0250000	**Ħxejjex tal-weraq, ħxejjex aromatiċi u fjuri li jittieklu**		
0251000	(a) **ħass u ħxejjex oħrajn tal-insalata**	0,01 (*)	**0,01** (*)
0251010	Ħass tal-ħaruf/ Insalata tal-qamħ		
0251020	Ħass		
0251030	Escaroles/Indivja tal-weraq wiesa'		
0251040	Krexxuni u nebbieta u rimi oħrajn		
0251050	Krexxuni tal-art		
0251060	Aruka		
0251070	Mustarda ħamra		
0251080	Ħxejjex tal-weraq żgħir (fosthom speċijiet ta' brassika)		
0251990	Oħrajn		
0252000	(b) **spinaċi u weraq simili**	0,01 (*)	**0,01** (*)
0252010	Spinaċi		
0252020	Burdlieq		
0252030	Weraq tal-pitravi		
0252990	Oħrajn		

(1)	(2)	(3)	(4)
0253000	(c) **weraq tad-dwieli u u ta' speċijiet simili**	0,01 (*)	**0,01** (*)
0254000	(d) **krexxuni**	0,01 (*)	**0,01** (*)
0255000	(e) **ċikwejra**	0,01 (*)	**0,01** (*)
0256000	(f) **ħxejjex aromatiċi u fjuri li jittieklu**	**0,02** (*)	**0,02** (*)
0256010	Maxxita		
0256020	Kurrat selvaġġ		
0256030	Weraq tal-karfus		
0256040	Tursin		
0256050	Salvja		
0256060	Klin		
0256070	Sagħtar		
0256080	Ħabaq u l-fjuri tiegħu kommestibbli		
0256090	Weraq tar-rand		
0256100	Stragun		
0256990	Oħrajn		
0260000	**Legumi**	0,01 (*)	**0,01** (*)
0260010	Fażola (bil-miżwed)		
0260020	Fażola (bla miżwed)		
0260030	Piżelli (bil-miżwed)		
0260040	Piżelli (bla miżwed)		
0260050	Għads		
0260990	Oħrajn		
0270000	**Ħxejjex biz-zokk**	0,01 (*)	**0,01** (*)
0270010	Asparagu		
0270020	Kardun		
0270030	Krafes		
0270040	Bużbież ta' Firenze		
0270050	Qaqoċċ		
0270060	Kurrat		
0270070	Rabarbru		
0270080	Rimi tal-pjanta tal-bambu		
0270090	Qlub tal-palm		
0270990	Oħrajn		
0280000	**Faqqiegħ, ħażiż u likeni**	0,01 (*)	
0280010	Faqqiegħ ikkultivat		0,4
0280020	Faqqiegħ salvaġġ		**0,01** (*)
0280990	Ħażiż u likeni		**0,01** (*)

(1)	(2)	(3)	(4)
0290000	**Alka u organiżmi prokarjoti**	0,01 (*)	**0,01** (*)
0300000	**ŻRIERAGĦ IMNIXXFIN TAL-LEGUMI**	0,01 (*)	**0,01** (*)
0300010	Fażola		
0300020	Għads		
0300030	Piżelli		
0300040	Lupini		
0300990	Oħrajn		
0400000	**ŻRIERAGĦ TAŻ-ŻEJT U FROTT TAŻ-ŻEJT**		**0,01** (*)
0401000	**Żrieragħ żejtnija**		
0401010	Żerriegħa tal-kittien	0,01 (*)	
0401020	Karawett	0,01 (*)	
0401030	Żerriegħa tal-peprin	0,01 (*)	
0401040	Ġulġlien	0,01 (*)	
0401050	Żerriegħa tal-ġirasol	0,3	
0401060	Żerriegħa tal-lift	**0,05** (*)	
0401070	Fażola tas-sojja	0,01 (*)	
0401080	Żerriegħa tal-mustarda	**0,05** (*)	
0401090	Żerriegħa tal-qoton	0,01 (*)	
0401100	Żerriegħa tal-qargħa ħamra	0,01 (*)	
0401110	Żrieragħ tal-għosfor	0,01 (*)	
0401120	Żerriegħa tal-fiddloqom	0,01 (*)	
0401130	Żerriegħa tal-camelina sativa	0,01 (*)	
0401140	Qannebusa	0,01 (*)	
0401150	Żerriegħa tar-riġnuwa	0,01 (*)	
0401990	Oħrajn	0,01 (*)	
0402000	**Frott taż-żejt**	0,01 (*)	
0402010	Żebbuġ għall-produzzjoni taż-żejt		
0402020	Il-qlub taż-żerriegħa tal-palm taż-żejt		
0402030	Il-frott tal-palm taż-żejt		
0402040	Kapok		
0402990	Oħrajn		
0500000	**ĊEREALI**		
0500010	Xgħir	**0,01** (*)	**0,6**
0500020	Qamħ saraċin u ċereali floż oħrajn	0,01 (*)	**0,01** (*)
0500030	Qamħirrum	0,01 (*)	**0,01** (*)
0500040	Millieġ komuni	0,01 (*)	**0,01** (*)

(1)	(2)	(3)	(4)
0500050	Ħafur	0,01 (*)	**0,6**
0500060	Ross	0,01 (*)	**0,01** (*)
0500070	Segala	0,08	**0,07**
0500080	Sorgu	0,01 (*)	**0,01** (*)
0500090	Qamħ	**0,08**	**0,07**
0500990	Oħrajn	0,01 (*)	**0,01** (*)
0600000	**TEJIET, KAFÈ, INFUŻJONIJIET ERBALI, KAWKAW U ĦARRUB**	**0,05** (*)	0,05 (*)
0610000	**Tejiet**		
0620000	**Żrieragħ tal-kafè**		
0630000	**Infusjonijiet erbali minn**		
0631000	(a) **fjuri**		
0631010	Kamomilla		
0631020	Ibisku		
0631030	Ward		
0631040	Ġiżimin		
0631050	Tilju		
0631990	Oħrajn		
0632000	(b) **weraq u ħxejjex aromatiċi**		
0632010	Frawla		
0632020	Rooibos		
0632030	Te tal-Paragwaj		
0632990	Oħrajn		
0633000	(c) **għeruq**		
0633010	Valerjana		
0633020	Ġinseng		
0633990	Oħrajn		
0639000	(d) **kull parti oħra tal-pjanta**		
0640000	**Żerriegħa tal-Kawkaw**		
0650000	**Grupp Ħarrub**		
0700000	**ĦOPS**	**0,05** (*)	0,05 (*)
0800000	**ĦWAWAR**		
0810000	**Ħwawar taż-żerriegħa**	**0,05** (*)	0,05 (*)
0810010	Ħlewwa		
0810020	Ħlewwa sewda/kemmun iswed		

(1)	(2)	(3)	(4)
0810030	Karfus		
0810040	Kosbor		
0810050	Kemmun		
0810060	Xibt		
0810070	Bużbież		
0810080	Fienu		
0810090	Noċemuskata		
0810990	Oħrajn		
0820000	**Ħwawar tal-frott**	**0,05** (*)	0,05 (*)
0820010	Bżar tal-Ġamajka/piment		
0820020	Bżar tas-Sichuan		
0820030	Ħlewwa Ġermaniża		
0820040	Kardamomu		
0820050	Frott tal-ġnibru		
0820060	Bżar (iswed, aħdar u abjad)		
0820070	Vanilja		
0820080	Tamal tal-Indja		
0820990	Oħrajn		
0830000	**Ħwawar tal-qoxra tas-siġar**	**0,05** (*)	0,05 (*)
0830010	Kannella		
0830990	Oħrajn		
0840000	**Ħwawar tal-għeruq u tar-riżomi**		
0840010	Għud is-sus	**0,05** (*)	0,05 (*)
0840020	Ġinġer	**0,05** (*)	0,05 (*)
0840030	Żagħfran tal-Indja	**0,05** (*)	0,05 (*)
0840040	Għerq tal-mustarda	**(+)**	**(+)**
0840990	Oħrajn	**0,05** (*)	0,05 (*)
0850000	**Ħwawar tal-blanzuni**	**0,05** (*)	0,05 (*)
0850010	Imsiemer tal-qronfol		
0850020	Kappar		
0850990	Oħrajn		
0860000	**Il-ħwawar ta' qalb il-fjura**	**0,05** (*)	0,05 (*)
0860010	Żagħfran		
0860990	Oħrajn		
0870000	**Ħwawar tal-aril**	**0,05** (*)	0,05 (*)
0870010	Il-qoxra barranija tan-noċemuskata		
0870990	Oħrajn		

(1)	(2)	(3)	(4)
0900000	**PJANTI TAZ-ZOKKOR**	0,01 (*)	**0,01** (*)
0900010	Pitravi taz-zokkor		
0900020	Kannamieli		
0900030	Għeruq taċ-Ċikwejra		
0900990	Oħrajn		
1000000	**PRODOTTI LI JORIĠINAW MILL-ANNIMALI — ANNIMALI TAL-ART**		
1010000	**Tessuti minn**	**0,03** (*)	**0,01** (*)
1011000	(a) **ħnieżer**		
1011010	Muskoli		
1011020	Tessut xaħmi		
1011030	Fwied		
1011040	Kliewi		
1011050	Ġewwieni li jittiekel (minbarra l-fwied u l-kliewi)		
1011990	Oħrajn		
1012000	(b) **bovini**	**(+)**	
1012010	Muskoli		
1012020	Tessut xaħmi		
1012030	Fwied		
1012040	Kliewi		
1012050	Ġewwieni li jittiekel (minbarra l-fwied u l-kliewi)		
1012990	Oħrajn		
1013000	(c) **nagħaġ**	**(+)**	
1013010	Muskoli		
1013020	Tessut xaħmi		
1013030	Fwied		
1013040	Kliewi		
1013050	Ġewwieni li jittiekel (minbarra l-fwied u l-kliewi)		
1013990	Oħrajn		
1014000	(d) **mogħoż**	**(+)**	
1014010	Muskoli		
1014020	Tessut xaħmi		
1014030	Fwied		
1014040	Kliewi		
1014050	Ġewwieni li jittiekel (minbarra l-fwied u l-kliewi)		
1014990	Oħrajn		

(1)	(2)	(3)	(4)
1015000	(e) **ekwini**		
1015010	Muskoli		
1015020	Tessut xaħmi		
1015030	Fwied		
1015040	Kliewi		
1015050	Ġewwieni li jittiekel (minbarra l-fwied u l-kliewi)		
1015990	Oħrajn		
1016000	(f) **tjur**		
1016010	Muskoli		
1016020	Tessut xaħmi		
1016030	Fwied		
1016040	Kliewi		
1016050	Ġewwieni li jittiekel (minbarra l-fwied u l-kliewi)		
1016990	Oħrajn		
1017000	(g) **annimali terrestri oħrajn imrobbijin**		
1017010	Muskoli		
1017020	Tessut xaħmi		
1017030	Fwied		
1017040	Kliewi		
1017050	Ġewwieni li jittiekel (minbarra l-fwied u l-kliewi)		
1017990	Oħrajn		
1020000	**Ħalib**	**0,01** (*) **(+)**	**0,01** (*)
1020010	Frat		
1020020	Nagħaġ		
1020030	Mogħoż		
1020040	Żwiemel		
1020990	Oħrajn		
1030000	**Bajd tat-tjur**	**0,02** (*)	**0,01** (*)
1030010	Tiġieġ		
1030020	Papri		
1030030	Wiżż		
1030040	Summien		
1030990	Oħrajn		
1040000	**Għasel u prodotti oħrajn tal-apikultura**	0,05 (*)	0,05 (*)
1050000	**Amfibji u Rettili**	**0,03** (*)	**0,01** (*)

(1)	(2)	(3)	(4)
1060000	**Annimali terrestri invertebrati**	**0,03** (*)	**0,01** (*)
1070000	**Annimali vertebrati terrestri slavaġ**	**0,03** (*)	**0,01** (*)

(*) Jindika limitu iktar baxx ta' kwantifikazzjoni analitika

(**) Kombinazzjoni tal-kodiċi tal-pestiċida li għaliha japplika l-MRL stabbilit fl-Anness III Parti B.

([a]) Għal-lista sħiħa tal-prodotti ta' oriġini mill-pjanti u l-annimali li għalihom japplikaw l-MRLs, għandha ssir referenza għall-Anness I.

(F) = Jinħall fix-xaħam

Dimossistrobina (R) (A)

(A) Nota ta' qiegħ il-paġna għad-definizzjoni tar-residwi: Il-laboratorji ta' referenza tal-UE indunaw li l-istandards ta' referenza għall-505M09 mhumiex kummerċjalment disponibbli. Meta tkun qed tirrevedi l-MRL, il-Kummissjoni se tqis id-disponibbiltà kummerċjali tal-istandard ta' referenza msemmi fl-ewwel sentenza minn 1 ta' Lulju 2016, jew, jekk dak l-istandard ta' referenza mhux kummerċjalment disponibbli sa dik id-data, in-nuqqas tagħha.

(R) = Id-definizzjoni ta' residwu tvarja għall-kombinazzjonijiet pestiċida-numru tal-kodiċi li ġejjin:

Dimossistrobina — kodiċi 1000000 ħlief għal 1040000: 505M09, espressa bħala dimossistrobina
Metabolit 505M09 = 3-({2-[(1E)-N-metossi-2-(metilammin)-2-ossoetanimidojl]benzyl}ossi)-4-metilbenżojku aċidu

(+) Il-livell massimu ta' resdiwu applikabbli għall-għerq tal-mustarda (Armoracia rusticana) fil-grupp tal-ħwawar (kodiċi 0840040) huwa dak stabbilit għall-għerq tal-mustarda (Armoracia rusticana) fil-kategorija tal-ħaxix, fil-grupp tal-għeruq u tat-tuberi (kodiċi 0213040) filwaqt li jitqies it-tibdil tal-ipproċessar (tnixxif) skont l-Artikolu 20(1) tar-Regolament (KE) Nru 396/2005.

0840040 Għerq tal-mustarda

(+) L-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel indunat li xi informazzjoni dwar it-traċċi tar-residwi fil-ħaxix u metodi analatiċi mhijiex disponibbli. Meta tkun qed tirrevedi l-MRL, il-Kummissjoni se tqis l-informazzjoni msemmija fl-ewwel sentenza, jekk din titressaq minn 1 ta' Lulju 2017, jew, jekk dik l-informazzjoni ma tiġix sottomessa sa dik id-data, in-nuqqas tagħha.

1012000 (b) bovini

1012010 Muskoli

1012020 Tessut tax-xaħam

1012030 Fwied

1012040 Kliewi

1012050 Ġewwieni li jittiekel (minbarra l-fwied u l-kliewi)

1012990 Oħrajn

1013000 (c) nagħaġ

1013010 Muskoli

1013020 Tessut tax-xaħam

1013030 Fwied

1013040 Kliewi

1013050 Ġewwieni li jittiekel (minbarra l-fwied u l-kliewi)

1013990 Oħrajn

1014000 **(d) mogħoż**

1014010 **Muskoli**

1014020 **Tessut tax-xaħam**

1014030 **Fwied**

1014040 **Kliewi**

1014050 **Ġewwieni li jittiekel (minbarra l-fwied u l-kliewi)**

1014990 **Oħrajn**

1020000 **Ħalib**

1020010 **Frat**

1020020 **Nagħaġ**

1020030 **Mogħoż**

1020040 **Żwiemel**

1020990 **Oħrajn**

Metrafenon (F)

(+) Il-livell massimu ta' resdiwu applikabbli għall-għerq tal-mustarda (Armoracia rusticana) fil-grupp tal-ħwawar (kodiċi 0840040) huwa dak stabbilit għall-għerq tal-mustarda (Armoracia rusticana) fil-kategorija tal-ħaxix, fil-grupp tal-għeruq u tat-tuberi (kodiċi 0213040) filwaqt li jitqies it-tibdil tal-ipproċessar (tnixxif) skont l-Artikolu 20(1) tar-Regolament (KE) Nru 396/2005.

0840040 **Għerq tal-mustarda"**

(b) Il-kolonni għall-ażossistrobina, il-flurossipir, il-metossifenożid u t-tribenuron-metil jinbidlu b'li ġej:

"Residwi ta' pestiċidi u livelli massimi ta' residwi (mg/kg)

Numru tal-kodiċi	Gruppi u eżempji ta' prodotti individwali li għalihom japplikaw l-MRLs [a]	Ażossistrobina	Flurossipir (it-total ta' flurossipir, l-imluħa tiegħu, l-esteri tiegħu u l-konjugati tiegħu, espressi bħala flurossipir) (R) (A)	Il-metossifenożid (F)	Tribenuron-metil
(1)	(2)	(3)	(4)	(5)	(6)
0100000	**FROTT, FRISK JEW IFFRIŻAT; ĠEWŻ TAS-SIĠAR**				0,01 (*)
0110000	**Frott taċ-ċitru**	15	**0,01** (*)	2	
0110010	Grejpfrut				
0110020	Larinġ				
0110030	Lumi				
0110040	Xkomp				

(1)	(2)	(3)	(4)	(5)	(6)
0110050	Mandolin				
0110990	Oħrajn				
0120000	**Ġewż tas-siġar**		**0,01** (*)	**0,1**	
0120010	Lewż	**0,01**			
0120020	Ġewż tal-Brażil	**0,01**			
0120030	Ġewż tal-anakardju	**0,01**			
0120040	Qastan	**0,01**			
0120050	Ġewż tal-Indi	**0,01**			
0120060	Ġellewż/ġellewż Ewropew	**0,01**			
0120070	Macadamia	**0,01**			
0120080	Ġewż Amerikan	**0,01**			
0120090	Qlub tal-ġewż tal-arżnu	**0,01**			
0120100	Pistaċċi	1			
0120110	Ġewż	**0,01**			
0120990	Oħrajn	**0,01**			
0130000	**Pomu**	**0,01** (*)		2	
0130010	Tuffieħ		**0,05** (*) **(+)**		
0130020	Lanġas		**0,01** (*)		
0130030	Sfarġel		**0,01** (*)		
0130040	Naspli		**0,01** (*)		
0130050	Naspli tal-Ġappun		**0,01** (*)		
0130990	Oħrajn		**0,01** (*)		
0140000	**Frott tal-għadma**	2	**0,01** (*)	**2**	
0140010	Berquq				
0140020	Ċiras (ħelu)				
0140030	Ħawħ				
0140040	Għanbaqar				
0140990	Oħrajn				
0150000	**Kukku u frott żgħir ieħor**		**0,01** (*)		
0151000	(a) **għeneb**	2		1	
0151010	Għeneb tal-mejda				
0151020	Għeneb tal-inbid				
0152000	(b) **frawli**	10		2	

(1)	(2)	(3)	(4)	(5)	(6)
0153000	(c) **frott tal-kannamiela**	5		**0,01** (*)	
0153010	Tut				
0153020	Ċawsli iswed [Dewberries]				
0153030	Lampun (aħmar u isfar)				
0153990	Oħrajn				
0154000	(d) **frott żgħir u kukku oħrajn**				
0154010	Mirtill	5		4	
0154020	Cranberries	0,5		0,7	
0154030	Passolina (ħamra, sewda u bajda)	5		**0,01** (*)	
0154040	Ribes (ħodor, ħomor u sofor)	5		**0,01** (*)	
0154050	Warda Skoċċiża	5		**0,01** (*)	
0154060	Ċawsli (suwed u bojod)	5		**0,01** (*)	
0154070	Għanżalor/naspli tal-Mediterran	**5**		**0,01** (*)	
0154080	Frott tas-sebuqa	5		**0,01** (*)	
0154990	Oħrajn	5		**0,01** (*)	
0160000	**Frott — diversi bi**		**0,01** (*)		
0161000	(a) **qoxra li tittiekel**			**0,01** (*)	
0161010	Tamal	**0,01** (*)			
0161020	Tin	**0,01** (*)			
0161030	Żebbuġ tal-mejda	**0,01** (*)			
0161040	Lariġ tal-qsari	**0,01** (*)			
0161050	Karambola	0,1			
0161060	Kaki	**0,01** (*)			
0161070	Jambolan	**0,01** (*)			
0161990	Oħrajn	**0,01** (*)			
0162000	(b) **qoxra li ma tittikilx, żgħar**			**0,01** (*)	
0162010	Frott tal-Kiwi (aħdar, aħmar u isfar)	**0,01** (*)			
0162020	Liċċi	**0,01** (*)			
0162030	Frotta tal-passjoni	4			
0162040	Bajtar tax-xewk/frotta tal-kaktus	**0,01** (*)			
0162050	Tuffieħ stilla	**0,01** (*)			
0162060	Kaki Amerikan/Kaki tal-Virġinja	**0,01** (*)			
0162990	Oħrajn	**0,01** (*)			

(1)	(2)	(3)	(4)	(5)	(6)
0163000	(c) **qoxra li ma tittikilx, kbar**				
0163010	Avokado	**0,01** (*)		0,7	
0163020	Banana	2		**0,01** (*)	
0163030	Mango	0,7		**0,01** (*)	
0163040	Papaja	0,3		1	
0163050	Rummien	**0,01** (*)		0,6	
0163060	Ċerimoja	**0,01** (*)		**0,01** (*)	
0163070	Gwava	**0,01** (*)		**0,01** (*)	
0163080	Ananas	**0,01** (*)		**0,01** (*)	
0163090	Frotta tas-siġra tal-ħobż	**0,01** (*)		**0,01** (*)	
0163100	Durian	**0,01** (*)		**0,01** (*)	
0163110	Il-frotta tal-annona	**0,01** (*)		**0,01** (*)	
0163990	Oħrajn	**0,01** (*)		**0,01** (*)	
0200000	**ĦAXIX, FRISK JEW IFFRIŻAT**				
0210000	**Ħxejjex mill-għeruq u t-tuberi**		**0,01** (*)		0,01 (*)
0211000	(a) **patata**	**7**		**0,01** (*)	
0212000	(b) **ħxejjex tropikali mill-għeruq u t-tuberi**	1			
0212010	Għeruq tal-kassava			**0,01** (*)	
0212020	Patata ħelwa			**0,02**	
0212030	Jammijiet			**0,01** (*)	
0212040	Ararut			**0,01** (*)	
0212990	Oħrajn			**0,01** (*)	
0213000	(c) **ħxejjex oħra tal-għeruq u tat-tuberi minbarra l-pitravi**				
0213010	Pitravi	1		**0,01** (*)	
0213020	Karotti	1		0,5	
0213030	Celeriac/Krafes bl-għeruq/krafes Ġermaniżi	1		**0,01** (*)	
0213040	Għerq tal-mustarda	1		**0,01** (*)	
0213050	Artiċokks	1		**0,01** (*)	
0213060	Zunnarija bajda	1		**0,01** (*)	
0213070	Tursin tuberuż	1		**0,01** (*)	
0213080	Ravanell	**1.5**		0,4	
0213090	Sassefrika	1		**0,01** (*)	
0213100	Swedes	1		**0,01** (*)	
0213110	Turnips (xorta ta' Brassica)	1		**0,01** (*)	
0213990	Oħrajn	1		**0,01** (*)	

(1)	(2)	(3)	(4)	(5)	(6)
0220000	**Ħxejjex tal-basla**	10		**0,01** (*)	0,01 (*)
0220010	Tewm		**0,05** (*) **(+)**		
0220020	Basal		**0,05** (*) **(+)**		
0220030	Shallots		**0,05** (*) **(+)**		
0220040	Basal tar-Rebbiegħa/basal aħdar u basal ta' Wales		**0,01** (*)		
0220990	Oħrajn		**0,01** (*)		
0230000	**Ħxejjex tal-frott**		**0,01** (*)		0,01 (*)
0231000	(a) **solanacea**	3			
0231010	Tadam			2	
0231020	Bżar			**2**	
0231030	Brunġiel			**0,6 (+)**	
0231040	Okra			**0,01** (*)	
0231990	Oħrajn			**0,01** (*)	
0232000	(b) **kukurbiti tal-qoxra kommestibbli**	1		**0,3**	
0232010	Ħjar				
0232020	Gherkins (ħjar żgħir)				
0232030	Zukkini				
0232990	Oħrajn				
0233000	(c) **cucurbits tal-qoxra li ma tittikilx**	1			
0233010	Bettieħ			**0,3**	
0233020	Qargħa aħmar			**0,3**	
0233030	Dulliegħ			**0,01** (*)	
0233990	Oħrajn			**0,01** (*)	
0234000	(d) **qamħirrum**	**0,01** (*)		0,02 (*)	
0239000	(e) **ħxejjex tal-frott oħrajn**	**0,01** (*)		**0,01** (*)	
0240000	**Ħxejjex tal-ġenus Brassica (minbarra l-għeruq tal-brassica u l-ħxejjex tal-brassika tal-weraq żgħir)**		**0,01** (*)		0,01 (*)
0241000	(a) **Brassika li tagħmel il-fjuri**	5			
0241010	Brokkli			**3**	
0241020	Pastard			**0,01** (*)	
0241990	Oħrajn			**0,01** (*)	

(1)	(2)	(3)	(4)	(5)	(6)
0242000	(b) **brassika bir-ras**	5		**0,01** (*)	
0242010	Brussels sprouts				
0242020	Kaboċċa bir-ras				
0242990	Oħrajn				
0243000	(c) **brassika bil-weraq**	**6**		**0,01** (*)	
0243010	Kaboċċi Ċiniżi				
0243020	Kale				
0243990	Oħrajn				
0244000	(d) **ġdur**	5		**0,01** (*)	
0250000	**Ħxejjex tal-weraq, ħxejjex aromatiċi u fjuri li jittieklu**				
